QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 6
Citaz. Nru. 440/95 FDP

Frank Camilleri

Vs

Cynthia Shranz, xebba Valenzia bhala sid il-proprjeta parafernali taghha u l-istess Cynthia Shranz u zewgha Stephen Shranz bhala sidien tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom, ghal kull interess li jista' jkollhom.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuta Cynthia Shranz, meta kienet ghadha xebba Valenzia, ordnat minghand l-attur kamra tas-sodda bil-prezz miftiehem ta' Lm1500 u kkommissjonat ukoll lill-attur sabiex jixtri mirja ghall-gwardarobba, bl-obbligu da parti taghha li thallsu wkoll l-prezz tal-istess mirja;

Premess illi l-attur lesta u kkonsenja l-kamra tas-sodda bil-mirja kif ordnati, bil-prezz miftiehem ta' Lm1500 u Lm150 addizzjonali ghall-mirja, totalizzanti ghalhekk Lm1650;

Premess illi l-konvenuta hallset biss Lm1000 u baqghet ma hallsitx il-bilanc dovut ta' Lm650 nonostante diversi interpellazzjonijiet;

Premess illi wkoll ai termini ta' l-artikoli 1327 u 1329 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess debitu hu debitu parafernali ta' Cynthia Shranz izda jekk il-kreditu ta' l-attur ma jkunx jista' jigi sodisfatt kontra l-beni parafernali ta' Cynthia Shranz, l-istess kreditu jista' jigi sodisfatt in subsidium kontra l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi konvenuti Shranz;

Talbu ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta Cynthia Shranz sabiex thallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ Lm650;

2. In subsidium, ai termini ta’ l-artikolu 1329(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-konvenuti Cynthia u Stephen konjugi Shranz sabiex ihallsu s-somma ta’ Lm650 lill-attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Frar 1995, bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol konsenjat mill-attur mhux kompletat skond il-ftehim u ma giex uzat il-materjal patwit u x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk it-talbiet kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Ghamlu ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Frar 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku William Cassar Torreggiani biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert tekniku li tinsab a fol. 70 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-16 ta' Gunju 1999;

Rat in-noti pprezentati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur huwa mastrudaxxa u kien gie inkarigat mill-konvenuta biex jaghmel kamra tas-sodda ghall-istess konvenuta li kienet waslet biex tizzewweg, u dan bil-prezz ta' Lm1650 li minnhom il-konvenuti hallsu biss Lm1000;

Illi min-naha taghhom il-konvenuti eccepew illi x-xoghol ma kienx gie kompletat skond il-ftehim u ma kienx gie uzat il-materjal patwit u li inoltre x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Illi dwar il-materjal uzat mill-attur irrizulta illi huwa uza materjal li ma kienx *solid* waqt li l-konvenuta kkontendiet illi fil-prezz ta' Lm1500 miftiehem il-kamra tas-sodda kellha tkun ta' l-Oak mastizz;

Illi l-espert tekniku dwar dan il-punt iddikjara illi "*jekk wiehed jikkonsidra l-materjal uzat u x-xoghol involut, certament wiehed jirrealizza li l-prezz ta' Lm1500 ma setax kien ikkwotat ghal ghamara mahduma bl-Oak mastizz*". Dan il-punt kien diga` gie kkonsidrat fit-tul fil-korrispondenza ezawrenti ta' bejn il-legali, u d-difensur ta' l-attur kien irrileva illi b'Lm1500 anqas biss kien jinxtara l-injam Oak biex isir ix-xoghol in kwistjoni. Dan ifisser illi ghalkemm il-konvenuta kien minghaliha illi l-Oak kien ser ikun mastizz, il-prezz baxx illi hija hallset ghall-kamra tas-sodda taghha certament kien jindika li dan kellu jsir b'materjali ohra;

Illi lanjanza ohra tal-konvenuta kienet illi kien ghad fadal xi affarijiet li ma gewx esegwiti izda l-Qorti taqbel illi hemm provi bizzejjed illi in kwantu ghall-banketta dina ma tlestitx ghaliex il-konvenuta ma kinitx tat il-materjal lill-attur biex ikun jista' jittapezza biha; in kwantu ghall-ixkaffa, din hija xkaffa ta' wisgha ta' ftit pulzieri u l-espert tekniku wera' hafna thassib dwar kif dina kellha ssir pero` l-Qorti taqbel mas-suggeriment tieghu illi jigu mnaqqsin Lm20 ghal din l-ixkaffa;

Illi dwar l-allegazjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, il-Qorti tirrileva li dan il-punt ma giex pruvat u in fatti l-espert tekniku

kkonkluda illi l-prezz mitlub ghal bilanc dovut wara li jitnaqqsu l-ghoxrin lira imsemmija huwa gustifikat fl-ammont ta' Lm630;

Illi l-konvenuti vverbalizzaw l-intenzjoni taghhom li jeskutu l-espert tekniku li pero` rrizulta anki mic-certifikat mediku li kien indispost u ma setax jattendi l-Qorti, u per konsegwenza skond il-Verbal tas-26 ta' Jannar 2001 id-difensur tal-konvenuti kkonferma li ghalkemm kien jixtieq jeskutih dwar diversi punti, fic-cirkostanzi kien qed jirrinunzja ghal dan u jitlob li jipprezenta nota ta' kritika;

Illi l-Qorti tifhem li l-konvenuti ma kienux gustifikati meta baqghu jikkontendu sa l-ahhar ta' dawn il-proceduri illi x-xoghol ma kienx tlesta u dan ghar-ragunijiet gja moghtija hawn fuq, u li d-dewmien ta' ftit aktar minn xahrejn ma wassal ghal ebda danni sofferti mill-konvenuti u lanqas kien hemm xi stipulazzjoni fil-ftehim dwar xi hlas ta' xi penali;

Illi fin-nota imsemmija giet trattat fit-tul il-punt tal-materjal uzat imma il-Qorti tara illi d-diskrepanza bejn il-prezz ta' l-Oak kieku kellu jkun verament mastizz ghal dak fil-fatt uzat hija tant kbira illi certament il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol izjed dwar dan il-punt, u taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda limitatament ghall-ammont ta' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630);

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda, dejjem ghall-ammont limitat ta' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630).

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mis-17 ta' Mejju 1995, data meta l-konvenuti gew notifikati b'dina c-citazzjoni.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur